QALA

Ref Nru: 9

Il-minuti tad-disa` laqgha tas-sitt leglislatura tal-Kunsill Lokali Qala, li nzammet nhar is-Sibt 1 t' Dicembru 2012, fl-4:30 ta' wara nofs in-nhar, fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill.

Prezenti:

| | |
|---|---|
| Sindku: | Clint Camilleri |
| Vici Sindku: | Paul Buttigieg |
| Kunsillieri: | Paul Buttigieg<br>Jesmond Borg<br>Victor Grech |
| Segretarja Ezekuttiva: | Marcia Borg |

**1 Talba**

1.1 Il-laqgha nbdiet permezz ta' talba u giet preseduta mis-Sindku.

**2 Approvazzjoni tal-minuti tat-tmien laqgha.**

2.1 Peress li l-minuti tat-tmien laqgha tqassmu qabel, dawn gie kkonsiderati bhala moqrija u gew approvati unanimament.

**3 *European Agriculture Funds for Rural Development* – applikazzjoni 313.**

3.1 Is-Sindku semma li saret sejha ghall-offerti ghat-tkomplija tal-gnien ta' rikreazzjoni fi Triq l-Imgarr, (Ta' Grunju), Qala u nfethu fil-pubbliku nhar id-9 ta' Novembru 2012. Huwa semma wkoll li saret sejha ohra ghall-offerti ghad-disinjar, manifattura, konsenja u installazzjoni ta' *exhibit showcasing* fil-Muzew folkloristiku tal-Qala u ghad-disinjar, pubblikazzjoni u konsenja ta' *audio-visual* u materjal stampat li jippromovu l-*heritage trail* tal-Qala u inkluz *projector system*. Huwa ssuggerixxa li ghandhom jigu formati tlett bordijiet ghall-ghazla ta' dawn it-tlett offerti u li l-membri taghhom ser ikunu kif gej:

3.2
- Tkomplija tal-gnien ta' rikreazzjoni fi Triq l-Imgarr, (Ta' Grunju), Qala – Il-Kunsillieri Jesmond Borg u Victor Grech u l-Periti Edward Scerri, Kurt Meilak u Christa Xuereb.
- Disinjar, pubblikazzjoni u konsenja ta' *audio-visual* u materjal stampat li jippromovu l-*heritage trail* tal-Qala u inkluz *projector system*. –Il-Vici Sindku Paul Buttigieg u l-Periti Edward Scerri, Kurt Meilak u Christa Xuereb.

- Disinjar, manifattura, konsenja u installazzjoni ta' *exhibit showcasing* fil-Muzew folkloristiku tal-Qala – Il-Kunsillier Paul Buttigieg u l-Periti Edward Scerri, Kurt Meilak Christa Xuereb.

3.3 Huwa semma li huwa ser ikun membru *ex-ufficio* ta' dawn il-bordijiet.

## 4 Premju Unur Gieh il-Qala 2012.

4.1 Is-Sindku ppropona li ghal din is-sena l-Premju Unur Gieh il-Qala ghandu jinghata lill-Kumitat organizzativ tal-*Gozo International Celebration* ghall-organizzazzjoni ta' attivita` li qed taghmel unur lil-lokalita` u li ghaliha jattendu diversi persuni kemm mill-lokalita` stess kif ukoll minn barra l-lokalita`. Il-Kunsillier Paul Buttigieg qabel ma din il-proposta u semma wkoll li fil-futur ghandu jigi kkonsidrat li dan il-premju jinghata lil Mario Portelli li joqghod 5, Triq San Guzepp, Qala li huwa persuna li jdoqq l-organi f'kull funzjoni li jkollha l-Knisja. Il-Vici Sindku Paul Buttigieg ippropona wkoll li fil-futur ghandu jigi kkunsidrat ukoll li dan il-premju jinghata lil Toni Mizzi li joqghod 47, Triq il-Kuncizzjoni, Qala li huwa Socju tal-M.U.S.E.U.M subien Qala. Is-Sindku semma li s-serata fejn jinghata dan il-premju ser issir nhar il-Gimgha 14 ta' Dicembru 2012. Gie diskuss f'xi ser tkun tikkonsisti s-serata u li ghandu jinxtara ktieb ghal dawk it-tfal ta' l-Iskola Primarja Qala li ser jaqraw *essay* fuq il-lokalita` tal-Qala.

## 5 Attivitajiet ghal zmien il-Milied 2012.

5.1 Is-Sindku ta spejgazzjoni tal-programm ta' l-attivitajiet li ser jigu organizzati ghal zmien il-Milied 2012 li huma harga ghall-anzjani u nisa, harga ghaz-zghazagh, *get together* ghaz-zghazagh, serata ghall-familji, *football tournaments* ghat-tfal u Premju Unur Gieh il-Qala. Is-Sindku semma li huwa tkellem mal-*headmistress* ta' l-Iskola Primarja Qala sabiex s-serata ghall-familji tkun ikkombinata ma attivita ta' l-Iskola fejn ser jintwera xi *film* lit-tfal. Il-Kunsill iddiskuta dan u gie deciz li s-serata ahjar isir bhas-soltu jigifieri isir mill-Kunsill wahdu u ghalhekk gie deciz li jsir nhar il-Hadd 23 ta' Dicembru 2012. Is-Sindku semma li Triq it-28 t'April 1688 ser tigi mzejna bid-dwal tal-Milied mill-Ghaqda Muzikali 'Ite ad Joseph'. Huwa ssuggerixxa li ghandhom jigu installati temporanjament xi *speakers* mal-hitan ta' Pjazza San Guzepp u Triq it-28 t'April 1688, fejn jindaqqu *carols* tal-Milied.

## 6 Il-gazzetta tal-Kunsill.

6.1 Is-Sindku fakkar lill-Vici Sindku u lill-Kunsillieri sabiex jippreparaw l-messaggi taghhom ghall-gazzetta tal-Kunsill li jmiss.

QALA

## 7 *Streaming* tal-laqghat.

7.1 Is-Sindku ppropona li l-laqghat tal-Kunsill ghandhom jigu *streamed*. Il-Kunsill qabel ma dan.

## 8 Progetti ohrajn.

8.1 Is-Sindku ta spejgazzjoni tal-pjanta li giet ippreparatha mill-Perit tal-Kunsill Edward Scerri dwar il-progett tat-tisbih ta' Pjazza San Guzepp. Il-Kunsillier Paul Buttigieg issuggerixxa li barra l-porvido li ser isir quddiem il-Knisja, ghandu jsir porvido ukoll madwar il-Knisja kollha kif ukoll il-bankini ta' madwar il-Pjazza. Il-Kunsill qabel ma dan.

## 9 Materji ohra.

9.1 Is-Sindku semma li l-Kunsill ircieva *memo* 45/2012 dwar Skema Inizjattivi Specjali 2013 mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali. Huwa semma li ser tigi sottomessa applikazzjoni mill-Kunsill ghat-tkomplija tal-progett tar-restawr tal-Fortizza ta' Sant Antnin. Il-Vici Sindku semma li meta jsir it-tikhil ghandhom isiru l-*inspections* sabiex jigi assigurat li t-tikhil qed issir kif suppost peress li huwa importanti li l-fili ghandhom jithaffru sewwa qabel ma jsir it-tikhil.

9.2 Gie diskuss li kien hemm xi proposti sabiex l-iskips li jingabu nhar ta' Sibt jibdew jingabu nhar ta' Gimgha. Il-Kunsill iddecida li jekk isir dan ser tinholoq problema minhabba tal-hwienet u ghalhekk gie deciz li ghandhom jibqghu jingabu nhar ta' Sibt.

9.3 Is-Sindku rega' semma li l-kumpanija JCR Ltd. qed titlob sabiex jithallas il-kont li gie diskuss fit-tmien laqgha tal-Kunsill. Il-Kunsill iddiskuta li ghandu jibqa' bl-istess decizjoni li ha fit-tmien laqgha jigifieri li dan il-kont m'ghandux jithallas.

9.4 Is-Sindku semma li saret applikazzjoni ghal-*Community Inclusive Employment Scheme* sabiex il-Kunsill jinghata persuna ghal xoghol ta' *gardener*.

9.5 Il-Kunsillier Jesmond Borg staqsa dwar f'hiex waslu t-talbiet li huwa kien ressaq dwar bozza gdida fi Triq Santa Marija tal-Qala u d-*double yellow lines* fi Triq il-Mithna.

9.6 Giet mibghuta ittra mill-Kunsill lill-Ministru ghal Ghawdex l-Onorevoli Giovanna Debono b'referenza numru QLC/MG/2/2012 fejn saret talba ghal ghajnuna finanzjarja ghall-*Qala International Folk Festival* 2012.

9.7 Giet mibghuta ittra mill-Kunsill lic-*Chairman* tal-MEPA b'referenza numru QLC/MEPA/6/2012, dwar talba sabiex isir laqgha mieghu sabiex tigi diskussa l-proposta tal-Kunsill sabiex isiru c-CCTV's fi Triq il-Wileg ecc.

9.8 Giet mibghuta ittra lis-Supretendent tal-Pulizija t'Ghawdex b'referenza numru QLC/DPH/3/2012, dwar it-trasport tan-nar pirotekniku mill-bajja ta' Hondoq ir-Rummien. Giet mibghuta stqarrija ghall-istampa mill-Kunsill lil mezzi tax-xandir kollu dwar din il-materja.

9.9 Is-Sindku semma li l-*photocopier* li ghandu l-Kunsill ghandha bzonn li jinbidlulha xi *parts*. Gew trattati zewg stimi minghand Alfa Co. Ltd, stima ghat-tibdil tal-*parts* u stima ohra ghal *photocopier* gdida. Il-Kunsill iddiskuta li jaqbel li tinxtara *photocopier* gdida u ghalhekk gie deciz li tinxtara wahda gdida.

9.10 Giet mitluba stima minghand Solar Engineering Ltd. dwar it-trasferiment tal-*PV panels* minn fuq il-bejt tas-Sala ta' l-Iskola ghal fuq il-bejt tal-Muzew Folkloristiku. Il-Kunsill iddecida li dawn il-PV's ghandhom jibqghu fejn huma.

9.11 Is-Segretarja Ezekuttiva qrat l-iskeda tal-hlasijiet bir-referenza SP 05/2012. Il-Kunsill ma sab l-ebda oggezzjoni ghall-kontijiet mnizzlin f'din l-iskeda. Ghalhekk din l-iskeda giet approvata unanimament.

## 10 Korrispondenza.

10.1 Giet trattati din il-korrispondenza:

10.2 *Memos* 38/2012 u 40/2012 mibghuta mid-Direttur tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali Carmel Abela, dwar skema dwar inizjattivi ta' attivitajiet 2012/2013 u dwar ghajnuna lill-Kunsilli Lokali li ghandhom ir-responsabbilta` ta' librerija lokali, rispettivament. Il-Kunsill issottometta zewg applikazzjonijiet ghal dawn iz-zewg skemi. Gew trattati dawn l-applikazzjonijiet.

10.3 Korrispondenza datata 10, 11, 12 u 14 ta' Novembru 2012 li saret bejn il-Kunsill Lokali u t-Transport Malta dwar talba ghat-trasferiment tal-*bus stop* ta' Pjazza San Guzepp.

10.4 Ittra mibghuta minn Louis Debattista minn *Gozo Greyhounds Youth Athletic Club* dwar attivitajiet ta' l-isports ghat-tfal fil-lokalita`.

10.5 Ittra mibghuta minn Fr. Charles Fenech O.P. Direttur Generali tal-Moviment Kerygma dwar premju zaghzugh tas-sena 2012.

10.6 Ittra mibghuta minn Victor Ellul dwar ktieb fuq l-istorja tal-futbol femminili kemm f'Malta kif ukoll f'Ghawdex.

10.7 Ittra mibghuta minn Josette Camilleri mill-Agenzija Zghazagh dwar l-applikazzjoni tal-Kunsill ghall-Kunsill Lokali Zghazagh ir-raba` edizzjoni, fejn informat lil Kunsill illi ma kienx hemm numru bizzejjed ta' zghazagh sabiex l-applikazzjoni tigi kkunsidratha.

Il-laqgha ntemmet fis-6:30 ta' filghaxija.  Laqgha ohra giet stabbilita ghal nhar il-Gimgha 4 ta' Jannar 2013.

______________________ ______________________

Clint Camilleri<br>Sindku

Marcia Borg<br>Segretarja Ezekuttiva